

ANNEX III

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF

Nota: Dawn l-SmPC, tikketta u fuljett ta' tagħrif huma fil-verżjoni valida fil-waqt tad-deċiżjoni tal-kummissjoni.

Wara d-deċiżjoni tal-kummissjoni l-awtorità kompetent ta' l-istat membru, flimkien ma' l-istat membru ta' referenza, jaġġorna l-informazzjoni tal-prodott. Għalhekk, dawn l-SmPC, tikketta u fuljett ta' tagħrif mhux neċessarjament jirrapreżentaw it-test kurrenti.

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

Is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott huwa fil-verżjoni finali kif deċiż waqt il-proċedura tal-grupp ta' koordinazzjoni.

TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KAXXA TAL-KARTUN

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Priligy 30 mg Pilloli Miksijin b'Rita

Priligy 60 mg Pilloli Miksijin b'Rita

Dapoxetine

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA

Kull pillola miksija b'rita fiha 30 mg ta' dapoxetine (b'ħala hydrochloride)

Kull pillola miksija b'rita fiha 60 mg ta' dapoxetine (b'ħala hydrochloride)

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

Fih il-Lactose. Ara l-fuljett għal aktar tagħrif.

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Pilloli miksijin b'rita

pillola 1

2 pilloli

3 pilloli

6 pilloli

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Għal użu mill-ħalq

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Il-pillola għandha tinbela sħiħa

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Uża l-kawtela waqt li tkun qed tieħu Priligy minħabba li jista' jikkawża ħass ħażin jew sturdament.

- Jekk tħoss li donnu se jagħtik ħass ħażin (bħal tħossok stordut jew tħoss mejt), immedd minnufih b'tali mod li rasek tkun aktar 'l isfel mill-bqija ta' ġismek, jew poġġi bilqegħda

b'rasek bejn irkopptejk sakemm tħossok aħjar. Dan iżommok milli inti taqa' u tweġġa' jekk ikollu jagħtik ħass ħażin.

- Evita li ssuq jew tħaddem makkinarju perikoluż jekk tħossok affettwat b'dan il-mod.
- It-taħlit ta' Priligy mal-alkoħol jista' jżid ir-riskju ta' ħass ħażin u jista' jżid ukoll l-effetti marbuta mal-alkoħol. Evita li tixrob l-alkoħol meta tieħu Priligy.

Hu Priligy minn 1 sa 3 sigħat qabel attività sesswali.

Hu ma' mill-anqas tazza waħda mimlija bl-ilma.

Tiħux Priligy aktar minn darba kull 24 siegħa.

8. DATA TA' META JISKADI

JIS {XX/SSSS}

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Biex timtela mill-pajjiż partikolari

12. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Biex timtela mill-pajjiż partikolari

13. NUMRU TAL-LOTT

SN

Lott:

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

Biex timtela mill-pajjiż partikolari

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Priligy 30 mg

Priligy 60 mg

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-FOLJI JEW FUQ L-ISTRIXXI

Folji tal-PVC-PE-PVDC ġo Fojl tal-Aluminju

Il-prodott mediċinali huwa pprovdut f'pakketti multi-fold ta' konformità ta' 3 u 6 pilloli miksijin b'rita. F'dawn il-pakketti multi-fold ta' konformità, il-folji huma mwaħħlin bil-kolla mal-kaxxa. Għalhekk, it-tagħrif stampat fuq il-fojl tal-folja ma jkunx jidher. Fil-pakketti multi-fold ta' konformità, l-istrixxi tal-folji u l-kaxxa tal-kartun huma ħaġa waħda. Għal dawn ir-raġunijiet, ma hemm l-ebda hteġa li xi tagħrif minimu jidher fuq il-folji jew fuq l-istrixxi.

FULJETT TA' TAGĦRIF

FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU

Priligy 30 mg pilloli miksijin b'rita Priligy 60 mg pilloli miksijin b'rita dapoxetine

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok b'zonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sintomi bħal tiegħek.
- Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhu Priligy u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tieħu Priligy
3. Kif għandek tieħu Priligy
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen Priligy
6. Aktar tagħrif

1. X'inhu Priligy u għalxiex jintuża

Priligy fih is sustanza attiva msejħa 'dapoxetine'. Din tagħmel parti minn grupp ta' mediċini msejħa 'impedituri selettivi tal-assorbiment mill-ġdid tas-serotonin' (SSRIs). Priligy jista' jkun magħruf ukoll bħala mediċina 'uroloġika'.

Priligy iżid il-ħin li hemm b'zonn għal eġakulazzjoni u jista' jtejjeb il-kontroll fuq l-eġakulazzjoni. Dan jista' jnaqqas il-frustrazzjoni jew l-inkwiet dwar kemm tegakula malajr.

Priligy jintuża biex jikkura eġakulazzjoni prematura, fi rġiel li għandhom bejn it-18 u s-64 sena.

Eġakulazzjoni prematura huwa meta r-raġel ikollu eġakulazzjoni bl-ickien stimulu sesswali u qabel ir-raġel ikun jixtieq. Dan jista' jikkawża problemi għar-raġel u jista' jikkawża problemi fir-relazzjoni sesswali.

2. Qabel ma tieħu Priligy

Tiħux Priligy jekk:

- Inti allerġiku (tbati minn sensitività ecessiva) għal dapoxetine jew sustanzi oħra ta' Priligy (elenkati f' sezzjoni 6)
- Inti għandek problemi tal-qalb, bħal insuffiċjenza tal-qalb jew problemi bir-ritmu tal-qalb
- Inti għandek storja ta' ħass ħażin
- Inti qatt kellek manija (sintomi jinkludu tħossok eċitat iż-żejjed, irritabbli jew ma tkunx tista' taħseb b'mod ċar) jew depressjoni qawwija
- Inti qed tieħu:
 - o Mediċini għad-depressjoni msejħa 'impedituri ta' monoamine oxidase' (MAOIs)
 - o Thioridazine li jintuża għall-iskizofrenija
 - o Mediċini oħra għad-depressjoni
 - o Lithium – mediċina għad-disturb bipolari

- Linezolid – antibijotiku li jintuża biex jikkura infezzjonijiet
- Tryptophan – mediċina biex tgħinek torqod
- St John’s wort – mediċina magħmula mill-ħxejjex
- Tramadol – jintuża biex jikkura uġiġħ serju
- Mediċini użati għall-kura tal-emigranji.

Tiħux Priligy fl-istess ħin ma’ kwalunkwe waħda mill-mediċini msemmijin hawn fuq. Jekk inti ħadt xi waħda minn dawn il-mediċini, inti trid tistenna 14-il ġurnata minn meta tieqaf teħodha qabel ma inti tkun tista’ tibda tieħu Priligy. Ladarba inti tkun waqft tieħu Priligy, inti tkun trid tistenna 7 ijiem qabel ma tieħu xi waħda mill-mediċini elenkati hawn fuq. Jekk m’intix ċert dwar x’se tagħmel, kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel tieħu Priligy. (ara s-sezzjoni “**Meta tieħu mediċini oħra**”)

- Ċerti mediċini għal infezzjoni bil-moffa, inkluż ketoconazole u itraconazole (ara s-sezzjoni “**Meta tieħu mediċini oħra**”)
- Ċerti mediċini għall-HIV, inkluż ritonavir, saquinavir, nelfinavir u atazanavir (ara s-sezzjoni “**Meta tieħu mediċini oħra**”)
- Ċerti antibijotiċi biex jikkuraw infezzjoni, inkluż telithromycin (ara s-sezzjoni “**Meta tieħu mediċini oħra**”)
- Nefazodone – antidepressant (ara s-sezzjoni “**Meta tieħu mediċini oħra**”)
- Inti għandek problemi moderati jew qawwijin fil-fwied.

Tiħux Priligy jekk kwalunkwe waħda minn dawn t’hawn fuq tapplika għalik. Jekk għandek xi dubju, kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel tieħu Priligy.

Oqgħod attent ħafna bi Priligy

Iċċekkja mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu l-mediċina tiegħek jekk:

- Inti tixrob l-alkoħol (ara s-sezzjoni “**Meta tuża Priligy ma’ l-ikel u max-xorb**”)
- Inti ma ġejtx dijanjostikat b’eġakulazzjoni prematura
- Inti tuża drogi ta’ rikreazzjoni bħal ecstasy, LSD, narkotiċi jew benzodiazepines
- Inti qatt kellek problemi ta’ saħħa mentali bħal ma huma depressjoni, manija (sintomi jinkludu tħossok eċitat iż-żejjed, irritabbli jew ma tkunx tista’ taħseb b’mod ċar), disturb bipolari (sintomi jinkludu tibdiliet serji fil-burdata minn manija għal depressjoni) jew skizofrenija (marda psikjatrika)
- Inti għandek storja ta’ ħruġ ta’ demm jew problemi ta’ tagħqid tad-demm
- Inti għandek problemi fil-kliewi
- Inti għandek l-epilessija
- Inti għandek storja ta’ sturdament minn pressjoni baxxa
- Inti għandek ukoll problema sesswali oħra, bħal disfunzjoni erettile.

Jekk xi waħda minn dawn t’hawn fuq tapplika għalik (jew jekk għandek xi dubju), kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel tieħu Priligy.

Qabel ma tibda tieħu Priligy, it-tabib għandu jagħmillek test biex jaċċerta ruħu li l-pressjoni tiegħek ma tinżilx wisq meta inti tqum bilwieqfa minn mimdud.

Meta tieħu mediċini oħra

Jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk inti qiegħed tieħu jew ħadt dan l-aħħar xi mediċini oħra minħabba li ċerti mediċini jistgħu jżidu r-riskju li jkollok effetti sekondarji. Dan jinkludi mediċini li inti tixtri mingħajr riċetta, bħal mediċini magħmula mill-ħxejjex. Dan minħabba li Priligy jista’ jaffettwa l-mod li bih jaħdmu mediċini oħra. Ukoll xi mediċini oħra jistgħu jaffettwaw il-mod ta’ kif jaħdem Priligy. Għalhekk, l-użu ta’ mediċini oħra jista’ jaffettwa l-ogħla doża ta’ Priligy li inti tkun tista’ tieħu.

Tiħux Priligy fl-istess ħin ma' kwalunkwe waħda minn dawn il-mediċini li g'ejjin:

- Medicines għad-depressjoni msejħa 'impdeituri ta' monoamine oxidase' (MAOIs)
- Thioridazine li jintuża għall-iskizofrenija
- Mediċini oħra għad-depressjoni
- Lithium – mediċina għad-disturb bipolari
- Linezolid – antibijotiku li jintuża biex jikkura infezzjonijiet
- Tryptophan – mediċina biex tgħinek torqod
- St John's wort – mediċina magħmula mill-ħxejjex
- Tramadol – jintuża biex jikkura uġiħ serju
- Mediċini użati għall-kura tal-emigranji.

Tiħux Priligy fl-istess ħin ma' kwalunkwe waħda mill-mediċini msemmijin hawn fuq. Jekk inti ħadt xi waħda minn dawn il-mediċini, inti trid tistenna 14-il ġurnata minn meta tiegħ qabel ma inti tkun tista' tibda tieħu Priligy. Ladarba inti tkun waqft tieħu Priligy, inti tkun trid tistenna 7 ijiem qabel ma tieħu xi waħda mill-mediċini elenkati hawn fuq. Jekk m'intix ċert dwar x'se tagħmel, kellek lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel tieħu Priligy.

- Ċerti mediċini għal infezzjoni bil-moffa, inkluż ketoconazole u itraconazole
- Ċerti mediċini għall-HIV, inkluż ritonavir, saquinavir, nelfinavir u atazanavir
- Ċerti antibijotiċi biex jikkuraw infezzjoni, inkluż telithromycin
- Nefazodone – antidepressant.

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk inti qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li g'ejjin:

- Mediċini għal problemi ta' saħħa mentali ħlief dawk għad-depressjoni
- Mediċini antiinfjammatorji mhux steroidi bħal ibuprofen jew acetylsalicylic acid
- Mediċini biex iraqqu d-demem tiegħek, bħal warfarin
- Ċerti mediċini użati biex jikkuraw disfunzjoni erettili, bħal sildenafil, tadalafil jew vardenafil, minħabba li dawn il-mediċini jistgħu ibaxxulek il-pessjoni, x'aktarx malli tqum bilwieqfa
- Ċerti mediċini użati biex jikkuraw pressjoni għolja u uġiħ fis-sider (angina) (bħal verapamil u diltiazem), jew prostata kbira, minħabba li dawn il-mediċini jistgħu ukoll ibaxxulek il-pessjoni, x'aktarx malli tqum bilwieqfa
- Ċerti mediċini oħra għal infezzjoni bil-moffa, bħal fluconazole
- Ċerti mediċini oħra għall-HIV, bħal amprenavir u fosamprenavir
- Ċerti antibijotiċi oħra biex jikkuraw infezzjoni, bħal erythromycin u clarithromycin
- Aprepitant – jintuża biex jikkura n-nawsja.

Jekk mintix ċert jekk xi waħda minn dawn t'hawn fuq tapplikax għalik, kellek lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel ma tieħu Priligy.

Meta tieħu Priligy ma' l-ikel u max-xorb

- Priligy jista' jittieħed mal-ikel jew mingħajru.
- Inti għandek tieħu Priligy ma' mill-anqas tazza waħda mimlija bl-ilma.
- Evita l-alkoħol meta tieħu Priligy.
- L-effetti tal-alkoħol bħal tħossok stordut, bi nġhas u jkollok reazzjonijiet batuti, jistgħu jiżdiedu jekk jittieħed ma' Priligy.
- Ix-xorb tal-alkoħol waqt li tkun qed tieħu Priligy jista' jżid ir-riskju li inti tkorri minn ħass ħażin jew minn effetti sekondarji oħra.

Tqala u treddigħ

Priligy m'għandux jittieħed min-nisa.

Sewqan u tħaddim ta' magni

Inti tista' tħossok bi nhas, sturdut, jagħtik ħass ħażin, ikollok diffikultà biex tikkonċentra u jkollok vista mċajpra waqt li tkun qed tieħu Priligy. Jekk tħoss xi waħda minn dawn l-effetti jew effetti jixbhuhom, inti għandek tevita li ssuq jew li tħaddem makkinarju perikoluż. L-effetti tal-alkoħol jistgħu jiżdiedu jekk jittieħed ma' Priligy u inti jista' jkollok riskju akbar ta' korriment minn ħass ħażin jew minn effetti sekondarji oħra jekk tieħu Priligy mal-alkoħol.

Tagħrif importanti dwar xi wħud mis-sustanzi ta' Priligy

Priligy fih il-lactose (tip ta' zokkor). Jekk it-tabib tiegħek qallek li inti għandek intolleranza għal xi zokkrijiet, ikkuntattja lit-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

3. Kif għandek tieħu Priligy

Dejjem għandek tieħu Priligy skond il-parir eżatt tat-tabib. Dejjem għandek taççerta ruħek mat-tabib jew ma' l-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Kif għandek tieħu Priligy

- Id-doża tas-soltu hija 30 mg. It-tabib tiegħek jista' jżid id-doża għal 60 mg.
- Hu l-mediċina biss minn 1 sa 3 sigħat qabel ma tistenna li se jkun hemm attività sesswali.
- **Tiħux Priligy aktar minn darba kull 24 siegħa jew kujum.**
- Ibla' l-pilloli sħaħ biex tevita t-togħma morra, ma mill-anqas tazza waħda mimlija bl-ilma. Dan jista' jgħin biex inaqas il-possibbiltà li jagħtik ħass ħażin (ara 'Ħass ħażin u pressjoni baxxa' f' sezzjoni 4).
- Priligy jista' jittieħed mal-ikel jew mingħajru.
- Priligy m'għandux jintuża minn irġiel li jew għandhom anqas minn 18-il sena jew irġiel ta' 65 sena jew aktar
- Iddiskuti il-kura tiegħek ta' Priligy mat-tabib tiegħek wara l-ewwel 4 ġimgħat jew wara 6 dożi biex tara jekk inti għandekx tkompli l-kura. Jekk il-kura titkompla, inti għandek tara lit-tabib tiegħek mill-ġdid biex tiddiskuti dan mill-anqas kull sitt xhur.

Jekk tieħu Priligy aktar milli suppost

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk inti ħadt aktar pilloli milli suppost. Inti tista' tħossok imdardar jew tirremetti.

Jekk tieqaf tieħu Priligy

Kellem lit-tabib tiegħek qabel tieqaf tieħu din il-mediċina. Inti jista' jkollok problemi bl-irquad u tħossok sturdut wara li tieqaf tieħu din il-mediċina, anke jekk inti ma ħadtiex kuljum.

Jekk inti għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' dan il-prodott, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

4. Effetti sekondarji li jista' jkollu

Bħal kull mediċina oħra, Priligy jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd. L-effetti sekondarji li ġejjin jistgħu jseħħu b'din il-mediċina:

Tkomplix tieħu Priligy u ara tabib minnufih jekk:

- Inti għandek aċċessjonijiet

- Inti jagħtik ħass ħażin jew tħoss mejt meta tqum bilwieqfa
- Inti tinnota xi tibdiliet fil-burdata tiegħek
- Inti għandek xi ħsibijiet ta' suwiċidju jew li tagħmel ħsara lilek innifsek.

Jekk inti tinnota xi wieħed minn dawn t'hawn fuq, tkomplix tieġu din il-mediċina u ara tabib minnufih.

Ħass ħażin u pressjoni baxxa

Bi Priligy jista' jagħtik ħass ħażin jew taqgħalek il-pessjoni meta tqum bilwieqfa. Biex tnaqqas il-probabbiltà li dan jgħri:

- Hu Priligy ma' mill-anqas tazza waħda mimlija bl-ilma.
- Tiħux Priligy jekk inti deidratat/a (ma jkollokx biżżejjed ilma f'ġismek).

Dan jista' jgħri jekk:

- Inti ma ħadx xi ħaġa x'tixrob f'dawn l-aħħar 4 sa 6 sigħat
- Inti ilek tgħereq għal ħafna ħin
- Inti għandek marda fejn għandek id-deni, id-dijarea jew qed tirremetti.
- Jekk qed tħossok li donnu se jagħtik ħass ħażin (bħal tħossok imdardar, tħossok stordut, jagħtik mejt, tħossok konfuż, għarqan jew qalbek ma tħabbatx b'mod normali), jew tħoss mejt meta tqum bilwieqfa, imtedd immedjatement b'tali mod li rasek tkun aktar 'l isfel minn ġismek jew oqgħod bilqegħda b'rasek bejn irjopptejk sakemm tħossok aħjar. Dan iżommok milli inti taqa' u tweġġa' jekk ikollu jagħtik ħass ħażin.
- Tqumx bilwieqfa malajr wara li tkun ilek bilqegħda jew mimdud għal ħin twil.
- Issuqx u tużax għodod jew magni jekk tħoss li se jagħtik ħass ħażin meta tieġu din il-mediċina.
- **Għid lit-tabib tiegħek jekk jagħtik ħass ħażin meta tieġu din il-mediċina.**

Effetti sekondarji komuni ħafna (jaffettwaw aktar minn persuna waħda minn kull 10 li jużawh):

- Tħossok stordut
- Uġiġħ ta' ras
- Tħossok imdardar.

Effetti sekondarji komuni (jaffettwaw minn persuna waħda sa 10 persuni minn kull 100 li jużawh):

- Tħossok irritabbli, anzjuż, aġitat jew bla kwiet
- Tħossok imtarrax jew ikollok tingiż
- Diffikultà biex tikseb jew iżżomm erezzjoni
- Tgħereq aktar minn normal jew fwawar
- Dijarea, stitkezza, jew ikollok il-gass
- Uġiġħ fl-istonku, nefħa fl-istonku jew tirremetti
- Problemi biex torqod jew ħolm stramb
- Tħossok għajjen jew bi nġhas, tittewweb
- Imnieħer imblukkat (konġestjoni fl-imnieħer)
- Togħla il-pessjoni
- Diffikultà biex tikkonċentra
- Tertir jew tregħid
- Tnaqqis ta' interess fis-sess
- Żarżir fil-widnejn
- Vista mċajpra
- Indiġestjoni
- Ħalq xott.

Effetti sekondarji mhux komuni (jaffettwaw minn persuna waħda sa 10 persuni minn kull 1,000 li jużawh):

- Jagħtik ħass ħażin jew tħossok sturdut malli tqum bilwieqfa (ara l-parir t'hawn fuq)

- Bidla fil-burdata, tħossok eċitat iż-żejjed jew tħoss paranojja
- Tħossok konfuż, disorjentat jew ma tkunx tista' taħseb b'mod ċar
- Taħbit tal-qalb bil-mod jew b'mod irregolari jew żieda fir-rata ta' taħbit tal-qalb
- Telf ta' aptit ta' sess, problemi biex tikseb orgażmu
- Tħossok batut, kalm, imħeddel jew għajjen ħafna
- Tħossok depressat, nervuż jew indifferenti
- Tħoss is-sħana, fuq ix-xwiek, ma tħossokx normali jew tħossok fis-sakra
- Problemi bil-vista jew mimma kbira
- Pressjoni baxxa jew għolja
- Tħoss il-ħakk jew għaraq kiesaħ
- Tħoss kollox qed idur bik
- Togħma mhux normali
- Tgħażżiż tas-snien.

Effetti sekondarji rari (jaffettwaw minn persuna waħda sa 10 persuni minn kull 10,000):

- Tħossok stordut wara li titħabat
- Torqod f'daqqa waħda
- Urġenza biex tipporga.

Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemminjati f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

5. Kif taħżen Priligy

- Dan il-prodott mediċinali ma jeħtieġ l-ebda kondizzjonijiet speċjali għall-ħażna.
- Żommu fejn ma jintlaħaqx u ma jidhri mit-tfal.
- Tużax Priligy wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-kartuna wara JIS. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar jum ta' dak ix-xahar.
- Il-mediċini m'għandhomx jintremew ma' l-ilma tad-dranaġġ jew ma' l-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għandekx bżonn. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni ta' l-ambjent.

6. Aktar tagħrif

X'fih Priligy

Is-sustanza attiva hija dapoxetine. Kull pillola fiha 30 mg jew 60 mg ta' dapoxetine bħala hydrochloride salt.

Is-sustanzi l-oħra huma:

- Qalba tal-pillola: lactose monohydrate, microcrystalline cellulose, croscarmellose sodium, colloidal anhydrous silica, magnesium stearate.
- Kisja tar-rita: lactose monohydrate, hypromellose, titanium dioxide (E171), triacetin, iron oxide iswed (E172), iron oxide isfar (E172).

Id-dehra ta' Priligy u l-kontenuti tal-pakkett

- Il-pilloli miksiġin b'rita Priligy 30 mg huma griżi ċari, tondi, konvessi u mmarkati "30" għo trijanglu fuq naħa waħda tal-pillola.
- Il-pilloli miksiġin b'rita Priligy 60 mg huma griżi, tondi, konvessi u mmarkati "60" għo trijanglu fuq naħa waħda tal-pillola.

Il-pilloli huma pprovduti f'konformità ma' pakketti ta' folji multi-fold li fihom 1, 2, 3 u 6 pilloli miksiġin b'rita.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għall-skop kummerċjali.

Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq u l-Manifattur

<[Biex tintela mill-pajjiż partikolari]>

Fl-isvezja:

Dan il-prodott mediċinali huwa awtorizzat fl-istati membri ta' l-EEA b'dawn l-ismijiet:

Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f'.